31982R3019

13.11.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 317/8

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3019/82
## tal-11 ta' Novembru 1982
## li jemenda għad-disa' darba r-regolament (KEE) Nru 2730/81 li jwaqqaf lista ta' aġenziji f pajjiżi importaturi li m'humiex membri li għandhom id-dritt li joħorġu sejħa għal offerti fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u prodotti tal-ħalib (1), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1183/82 (2), u b'mod partikolari Artikoli 13(3) u 17 (4) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2730/81 (3), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2556/82 (4), waqqaf lista ta' aġenziji f'pajjiżi importaturi li m'humiex membri li għandhom id-dritt li joħorġu inviti għall-offerti fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;

Billi fid-dawl tat-tagħrif l-aktar riċenti disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-prattiċi tal-kummerċ segwiti mill-pajjiżi importaturi kkonċernati u n-natura uffiċjali ta' l-aġenziji in kwistjoni dan ir-Regolament għandu jiġi emendat;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat li Jiġġestixxi l-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

L-Anness li jinsab mar-Regolament (KEE) Nru) 2730/81 qiegħed jiġi emendat kif ġej:

Il-lista ta' organizzazzjonijiet li joħorġu għandha tkun mitmuma biż-żieda ta' l-organizzazzjonijiet li ġejjin, bid-dħul isir skond l-ordni alfabetiku tal-pajjiż importatur:

| *1.2 Pajjiż importatur* | *Organizzazzjoni li toħroġ* |
|---|---|
| St Kitts-Nevis | Government Supply Office<br>Basseterre |
| West Indies | St Kitts-Nevis<br>West Indies |

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara dak li fih jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Novembru 1989.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
(2) ĠU L 140, ta' l-20.5.1982, p. 1.
(3) ĠU L 272, tas-26.9.1981, p. 25.
(4) ĠU L 273, tat-23.9.1982, p. 33.